31998R1279

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 1279/98

tad-19 ta' Ġunju 1998

li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazjoni ta' kwoti ta' tariffa għaċ-ċanga u l-vitella li għalihom hemm dispożizzjonijiet fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 għar-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Islovakkja, r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet filforma ta' kwoti ta' tariifi Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonali, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li għalihom hemm provdut fil-Ftehim ta' l-Ewropa, sabiex tingħata konsiderazzjoni lill-Ftehim dwar l-Agrikoltura milħuq waqt il-Laqgħa ta' l-Urugwaj tan-negozjati dwar kummerċ multilaterali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1595/97 [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 3066/95 fih dispożizzjonijiet għallftuħ ta' kwoti ta' tariffa mnaqqsa għaċ-ċanga u l-vitella; billi għandhom jiġu adottati regoli dettaljati biex jiġu applikati fuq bażi multiannwali; billi, għal dan il-għan, d-dispożizzjonijiet preskritti kull sena għal dawk il-kwoti fil-passat għandhom jintużaw bħala bażi;

Billi, biex jiġi żgurat li l-kwantitajiet preskritti jiġu impurtati b'mod regolat, għandhom jitferrxu fuq ħafna perijodi differenti;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet biex l-arranġamenti jiġu amministrati permezz ta' liċenzi ta' importazzjoni; billi, għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti regoli b'mod partikolari dwar il-mod li għandhom jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet u dwar l-informazjoni li għandha tingħata fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzi, fejn xieraq minkejja ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummsiisjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jippreskrivi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tassistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1044/98 [4], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwarq regoli ta' applikazzjoni għall-liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjonion fis-settur taċ-ċanga u l-vitella u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 759/98 [6]; billi għandhom ukoll isiru dispożizzjonijiet biex il-liċenzi jinħarġu wara perijodu ta' riflessjoni u, fejn xieraq, wara li tiġi applikata perċentwali ta' tnaqqis uniformi;

Billi r-riskju ta' spekulazzjoni li jinstab fl-arranġamenti fis-settur taċ-ċanga u l-vitella jeħtieġ li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ċari li jirregolaw l-aċċess għall-kwoti;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għandhom jiġu ppreżentati liċenzi ta' importazzjoni għall-importazzjoni fil-Komunità ta' dawk il-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament taħt il-kwoti li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament (KE) No 3066/95.

Il-kwantitajiet ta' prodotti importati kull sena taħt dawk l-arranġamenti u r-rata ta' tnaqqis fid-dazju doganali stabbilit mit-Tariffa Doganali Komuni għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kwantitajiet msemmija fl-Artikolu 1 għal kull perijodu preskritt fl-Anness I għandhom jitqassmu kif ġej:

— 25 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

— 25 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru,

— 25 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

— 25 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

Billi, matul il-perijodu li jinfetħu l-kwoti, l-kwantitajiet koperti b'applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni sottomessi fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet partijiet speċifikati fl-ewwel paragrafu huma inqas minn dawk disponibbli, l-kwantitajiet li jiqbgħu għandhom jiżdiedu ma' dawk disponibbli għall-parti ta' wara.

Artikolu 3

1. Biex wieħed jikkwalifika skond il-kwoti ta' importazzjoni:

(a) l-applikanti għandhom ikunu persuni fiżiċi jew legali li jridu jippruvaw għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru interessat, meta jissttomettu l-applikazzjoni

(1) ĠU L 328, tat-30.12.1995, p. 31.
(2) ĠU L 216, tat-8.8.1997, p. 1.
(3) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
(4) ĠU L 149, ta' l-20.5.1998, p. 11.
(5) ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
(6) ĠU L 105, ta' l-4.4.1998, p. 7.

tagħhom, li kienu għal mill-inqas darba fit-12-il xahar ta' qabel involuti fil-kummerċ taċ-ċanga u jew vitella ma' pajjiżi terzi; l-applikanti jridu jkunu mmniżżla fir-reġistru nazzjonali tal-VAT;

(b) applikazzjonijiet għal-liċenza jistgħu jiġu sottomessi biss fl-Istat Membru li fih hu reġistrat l-applikant;

(ċ) applikazzjonijiet għal-liċenzi għal kull grupp ta' prodotti elenkati fl-Anness I huma marbuta ma' minimu ta' 15 il-tunnellata ta' piż tal-prodott mingħajr ma jaqbeż il-kwantità disponibbli kif imfissra fl-Artikolu 2.

"Grupp ta' prodotti" tfisser prodotti li joriġinaw f'wieħed biss mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I; grupp ta' prodotti għandu jinkludi fih prodotti li jikkorrispondu mal-kodiċijiet NM 0201 u 0202 jew 1602 50 31 u 1602 50 39;

(d) il-kaxxa 8 ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenzi u tal-liċenzi għandha turi l-pajjiż ta' l-oriġini; il-liċenzi jkun fihom l-obbligu li l-importazzjoni ssir minn dak il-pajjiż;

(e) il-kaxxa 20 ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenza u tal-liċenzi għandha turi ta' l-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— Reglamento (CE) nº 1279/98

— Forordning (EF) nr. 1279/98

— Verordnung (EG) Nr. 1279/98

— Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1279/98

— Regulation (EC) No 1279/98

— Règlement (CE) nº 1279/98

— Regolamento (CE) n. 1279/98

— Verordening (EG) nr. 1279/98

— Regulamento (CE) nº 1279/98

— Asetus (EY) N:o 1279/98

— Förordning (EG) nr 1279/98.

2. Minkejja l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, il-kaxxa 16 ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenzi u tal-liċenzi għandha turi wieħed minn dawn il-gruppi ta' kodiċijiet NM:

— 0201 u 0202,

— 1602 50 31 u 1602 50 39.

Artikolu 4

1. Applikazzjonijiet għall-liċenzi jistgħu jiġu sottomessi matul l-ewwel 10 ijiem biss ta' kull perijodu kif immsemmi fl-Artikolu 2.

2. Applikazzjoni waħda biss tista' tiġi sottomessa minn kull applikant għal kull grupp ta' prodotti. Jekk applikant jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda għal kull grupp ta' prodotti, l-applikazzjonijiet kollha ta' dak l-applikant għall-prodotti mill-istess grupp ma jiġux aċċettati.

3. Sal-ħames jum tax-xogħol wara l-jagħlaq il-perijodu li fih jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet sottomessi għall-kwantitajiet disponibbli. Din in-notifikazzjoni għandha tinkludi fiha lista ta' applikanti bil-kwantita li għaliha saret l-applikazzjoni għal kull kodiċi NM u għal kull pajjiż ta' oriġini tal-prodotti.

In-notifikazzjonijiet, inklużi n-notifikazzjonijiet ta' applikazzjonijiet "nil", iridu jsiru bit-*telex* jew bil-*fax*, imħejjija fuq bażi tal-mudell fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċidi kemm mill-perċentwali ta' kwantitajiet li għalihom hemm applikazzjonijiet għal liċenzja jistgħu jingħataw.

Jekk il-kwantitajiet li għalihom hemm applikazzjonijiet għal liċenza jaqbżu dawk disponibbli, l-Kummissjoni għandha tippreskrivi perċentwali ta' riduzzjoni uniformi fil-kwantitajiet li għalihom tkun saret l-applikazzjoni.

5. Dejjem jekk il-Kummissjoni taċċetta l-applikazzjonijiet, il-liċenzi għandhom jinħarġu kemm jista' jkun malajr.

Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għal dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu r-Regolamenti (KEE) Nru 3719/88 u (KE) No 1445/95.

2. Liċenzi ta' importazzjoni li jinħarġu skond dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sa 90 jum mill-jum attwali li fih jinħarġu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88. Iżda, l-ebda liċenza ma' tibqa valida wara it-30 ta' Ġunju wara d-data li tinħareġ.

3. Il-liċenzi jkunu validi fil-Komunità kollha.

Artikolu 6

Il-prodotti għandhom jitħallew jiċċirkolaw b'mod ħieles fuq preżentazzjoni taċ-ċertifikat ta' ċaqliq EUR.1 maħruġ mill-pajjiż ta' l-esportazzjoni skond il-Protokoll 4 anness mal-Ftehim Ewropew milħuq ma' dak il-pajjiż jew dikjarazzjoni mill-esportatur mfassla skond dak il-Protokoll.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Lulju 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-19 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Prodotti li joriġinaw minn	Numru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju applikabbli (% ta' MFN) (1)	Kwantità annwali (2)		
					Minn ta' l-1.7.1998 sa tat-30.6.1999 (tunnellata)	Minn ta' l-1.7.1999 sa tat-30.6.2000 (tunnellata)	Minn ta' l-1.7.2000 (tunnellata)
L-Ungerija	09.4707	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	10 465	10 920	11 375
Il-Polonja	09.4824	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	11 040	11 520	12 000
		1602 50 31	Corned beef (3)	20			
		1602 50 39	Laħam ieħor ippreparat ta' annimali bovini, f'kontenituri li ma tgħaddix arja minnhom (3)	20			
L-Islovakkja	09.4624	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	1 610	1 680	1 750
Ir-Repubblika Ċeka	09.4623	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	3 220	3 360	3 500
Ir-Rumanija	09.4753	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	1 725	1 800	1 875
Il-Bulgarija	09.4651	0201 0202	Laħam ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	20	230	240	250

(1) Applikabbli kemm għad-dazju doganali *ad valorem* kif ukoll għad-dazji doganali stabbiliti fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) Espress fil-piż tal-prodott, minbarra fi prodotti proċessati.

(3) Koeffiċjent għall-konversjoni f'laħam frisk: 2,14.

L-ANNESS II

Fax (32-2) 296 60 20

(Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 1279/98)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ DG VI/D/2 – SETTUR TAĊ-ĊANGA U VITELLA

APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZA TA' IMPORTAZZJONI

Data: ..... Perijodu: .....

Stat Membru: .....

Pajjiż ta' l-oriġini	Numru ta' l-applikant (1)	Applikant (isem u indirizz)	Kwantità (tunnellati)	Kodiċi(jiet) NM
		Total		

Stat Membru: Nru tal-fax: .....

Nru tat-tel.: .....

(1) Ghadd kontinwu.